MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 1041/2012

**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**SEAN MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sean Micallef ta’ 19- il sena, bin James u Natalina nee’ Fenech, mwieled Pieta’ fit- 18 ta’ Gunju 1993, residenti 111B, Entratura 171, Flat 3, Triq il- Wied tal- Msida, Bini tal- Gvern, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 271593M;

Talli;

1) Fis- 26 ta’ Lulju 2012 jew fil- granet ta’ qabel, matul il- jum, f’ adwn il- Gzejjer u cioe’ minn Pro- Eng Ltd. Li jinsab fi Triq il- Wied, Msida, ikkommetta serq ta’ cheque book, liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna u li

sehh ghad- detriment ta’ Pierre Azzopardi u/jew persuni ohra;

Aktar talli b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u cioe’ talli;

2) fil- perjodu ta’ bejn is- 26 ta’ Lulju u l- 20 ta’ Awwissu 2012 f’ dawn il- Gzejjer, f’ diversi bnadi, b’ mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu t’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohar sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar minn €2,329.37 bi hsara ta’ Teresa Said, Anthony Buttigieg, Joseph Attard, Pierre Azzopardi, Jonathan Farrugia, Bank HSBC u/jew ta’ persuni ohra;

3) kif ukoll talli fl- istess perjodu, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe’ diversi cekkijiet, illi meta gew prezentati setgha ircieva bihom hlas, jew ha il-kunsinna t’ oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jwe stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal- Gvern;

4) aktar talli fl- istess perjodu ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat u cioe’ diversi cekkijiet propjeta’ tal- HSBC b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkela billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5) aktar talli fl- istess perjodu, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6) kif ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil- perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza, datata 18 ta’ Lulju 2012;

7) finalment akkuzat talli sar recidiv ai termini tal-Aritkoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati u ghalhekk tista' tghaddi biex tikkonsidra l-piena idoneja ghal dan il-kaz. L-imputat wasal f'salib it-toroq fil-hajja tieghu. Ghalkemm ghad ghandu eta' tenera, diga' inghata sentenza ta' prigunerija sospiza fit-18 ta' Lulju 2012, taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation. Minkejja dik is-sentenza, ftit jiem biss wara, wettaq reat iehor ta' portata gravi hafna, fejn allura necessarjament din iggib maghha piena ta' prigunerija effettiva u immedjata. Kif intqal qabel, l-imputat jinsab f'salib it-toroq. Minkejja li fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu fuq dan il-kaz hu kien innega l-involviment tieghu fir-reati mertu ta' din il-kawza, mal-qari tal-imputazzjonijiet u mal-esami bla gurament tieghu, hu ghazel li jirregistra ammissjoni inkondizzjonata, sahansitra anke wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni li l-piena kienet ser tkun wahda ta' prigunerija effettiva. Hu wera x-xewqa li jattendi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, u ghalhekk accetta li jigi sentenzjat ghal dan il-kaz.

Il-Qorti madankollu m'ghaddietx mal-ewwel ghas-sentenza, peress illi s-social worker tieghu u l-ufficjal tal-

probation addett mieghu t-tnejn kienu qed jaghmlu l-arrangamenti mehtiega biex hekk kif tinghata din is-sentenza, l-imputat jibqa’ sejjer dritt ghal programm residenzjali minghajr il-htiega li jservi parti mill-piena fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Ghal dan il-ghan giet esebita kopja tal-korrispondenza li elenkat dan l-arrangament bejn l-awtoritajiet koncernati.

Ghalhekk, kwantu ghall-piena fuq ir-reat proprju, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta’ sentejn prigunerija effettivi. Ghal dak li jikkoncerna s-sentenza ta’ prigunerija sospiza, il-Qorti testendi l-perijodu operattiv ta’ dik is-sentenza, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(b), u dan sabiex wara li jkun skonta s-sentenza ta’ prigunerija effettiva moghtija lilu llum, ikun ghad fadallu perijodu ta’ sentejn jew aktar ta’ supervizjoni minn ufficjal tal-probation u l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jibqa’ in vigore, ghal aktar sorveljanza u kontroll fuq l-istess imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 28A, 28B, 261, 268(d), 308, 310(1)(b), 167, 183, 187(2), 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza datata 18 ta’ Lulju 2012, ghal erba’ snin millum, liema perijodu operattiv ghalhekk jibqa’ fis-sehh, flimkien mal-ordni ta’ supervizjoni kif indikat f’dik l-istess sentenza, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(b).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------